**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 174/23 AL

A B

vs

C B D

(M.R. Numru 1612/2005)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1) Illi huwa zzewweg lil intimata C B D, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru, fit-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u hamsa (2005) gewwa l-Parrocca ta' San Lawrenz, il-Birgu, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru wiehed, tnejn, tlieta, sebgha zbarra elfejn u hamsa (1237/2005), u dan kif jirrizulta minn kopja fotostatika tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A';

2) Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni li kien gie ippubblikat min-Nutar Dottor Francesca Micallef Sammut fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023), kopja fotostatika qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'B';

3) Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin;

4) Illi l-istess partijiet għandhom tifla E B, ta' eta' minuri. Ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi kwalsiasi obbligi ta' manteniment gew effettivament regolati fl-istess Kuntratt ta' firda personali ippubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda kwestjoni f'dan ir-rigward;

5) Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tieghu, hawn sottofirmata, il- possibilita' ta' rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern, u kkonkluda li m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni;

6) Illi illum il-gurnata il-partijiet ilhom de facto sepatati mill-hmistax (15) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021);

7) Illi in vista ta' dak premess, jikkonkoru l-kriterji kollha rikjesti mil-Ligi ghall- halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

a) tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi, u

b) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skont il-Ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' April 2023;

Semgħet lill-intimata fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'ghandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Frar 2023 u de facto separati mill-15 ta' Ġunju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejnithom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.